MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 956/2007

**Carmelo Borg u Helen Borg**

**vs**

**Mario Grech u Rita Grech**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettew illi:

1. Permezz ta` skrittura privata datata 20 ta` Dicembru, 2004 l-esponent silef *'brevi mano'* lill-intimati s-somma ta` hamest elef lira Maltin (Lm5,000);

2. Minkejja li kienu diversament interpellati sabiex ihallsu l-intimati baqghu inadempjenti kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza;

3. Inoltre apparti dan l-ammont l-esponenti hadem xoghol ta` injam (*furniture*) lill-intimati u dawna x-xogholijiet saru kollha hekk kif ordnat minn l-intimati stess. Illi x-xoghol ta` injam mahdum mir-rikorrenti lill-intimati jammonta ghal tmien mija u sebghin lira Maltin (Lm870). Illi nonostante li x-xoghol kif inghad gie mahdum u kkonsenjat lill-intimati l-istess baqghu ma halsux lill-esponenti tax-xogholijiet mahduma kif inghad;

4. Ghalhekk l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta` hamest elef, tmien mija u sebghin liri Maltin (Lm5870) u l-esponenti kellhom jaghmlu dawn il-proceduri kawza tal-inadempjanza tal-istess intimati;

Ghaldaqstant, jghidu l-intimati ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara li l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta` hamest elef, tmien mija u sebghin liri Maltin (Lm5,870) rappresentanti *'in kwantu'* s-somma ta` hamest elef liri Maltin (Lm5,000) self brevi manu li r-rikorrenti ghamlu lill-intimati u *in kwantu* ghas-somma ta` tmien mija u sebghin lira Maltin (Lm870) prezz ta` ghamara mahduma minn l-esponenti lill-intimati.

2. Tordna lill-intimati ihalsu lir-rikorrenti s-somma ta` hamest elef tmien mija u sebghin lira Maltin (Lm5,870) jew kwalsiasi somma ohra li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li huma dovuti lir-rikorrenti minn l-intimati.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv, u b`hekk l-intimati min issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm deher il-konvenut fl-Awla dan naqas li jipprezenta twegiba u, ghalkemm skond il-verbal tas-17 ta` Gunju, 2008 dan informa l-Qorti li ser jitlob biex jiggustifika l-kontumacja tieghu, huwa qatt ma ghamel dan, u ghalhekk baqa` kontumaci.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-affidavit tal-attur fejn dan ikkonferma li s-somma komplessiva dovuta mill-konvenut hija ta` hamest elef u disa` mitt lira.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta` €13,673.42 ekwivalenti ghall-Lm5,870, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------